31997F0661

POSIZZJONI KOMUNI

tas-6 ta' Ottobru 1997

iddefinita mill-Kunsill fuq il-bażi ta' l-Artikolu K.3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea dwar negozjati fil-Kunsill ta' l-Ewropa u l-OECD rigward il-korruzzjoni

(97/661/JHA)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b' mod partikolari l-Artikoli K.3 (2) (a) u K.5 tiegħu,

Billi l-Istati Membri jħarsu lejn il-ġlieda kontra il-korruzzjoni fuq livell internazzjonali bħala fattur ta' interess komuni;

Wara li kkunsidraw il-Protokoll, imfassal mill-Kunsill fis-27 ta' Settembru 1996, għall- Konvenzjoni dwar il-protezzjoni ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej [1];

Wara li kkunsidraw il-Konvenzjoni dwar il-ġlieda kontra il-korruzzjoni fejn huma involuti uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej jew uffiċjali ta' l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea, imfassla mill-Kunsill fis-26 ta' Mejju 1997 [2];

Wara li kkunsidraw il-komunikazzjoni tal-21 ta' Mejju 1997 mill-Kummissjoni lejn il-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar Politika Unita kontra l-korruzzjoni;

Billi f'Novembru ta' l-1996 il-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill Ewropew adottaw programm ta' azzjoni kontra il-korruzzjoni li jinkludi t-tfassil ta' konvenzjoni tal-liġi kriminali fuq il-korruzzjoni bħala kwistjoni ta' prijorità;

Billi fis-26 ta' Mejju 1997 il-Kunsill fuq Livell Ministerjali ta' l-OECD adotta rakkommandazzjoni dwar il-korruzzjoni f'transazzjonijiet kummerċjali internazzjonali u iddeċieda li jibda negozjati fuq konvenzjoni internazzjonali sabiex tixħim ta' uffiċjali pubbliċi barranin jsir reat kriminali, li għandha tkun miftuħa għall-iffirmar sa l-aħħar ta' l-1997;

B'kunsiderazzjoni għall-proċeduri li qed isiru fil-Kunsill ta' l-Ewropa u l-OECD u b' konsapevolezza tal-bżonn li tiġi aċċertata l-kompatibilità max-xogħol li qed isir mill-Unjoni Ewropea;

Xewqana li jipproteġu l-interessi ta' l-Unjoni u jevitaw dupplikazzjoni li mhux neċessarja jew inkompatibilità bejn iż- żewg strumenti internazzjonali imfassla mill-Kunsill ta' l-Ewropa u l-OECD;

Billi il-laqgħa tal-Kunsill Ewropew f'Amsterdam approva il-pjan ta' azzjoni ta' l-Grupp ta' Livell Għoli dwar il-Kriminalità Organizzata, liema grupp huwa favur pjan faċli biex tiġi miġġielda l-korruzzjoni,

IDDEFINIXXA DIN IL-POSIZZJONI KOMUNI:

Artikolu 1

1. L-Istati Membri għandhom jappoġġaw t-tfassil ta' strumenti internazzjonali approprjati li jipprovdu għat-tixħim ta' uffiċjali barranin u uffiċjali ta' organizzazzjonijiet internazzjonali sabiex dan isir reat kriminali. Bla ħsara għal mistoqsijiet dwar ġurisdizzjoni r-reat għandu jkopri korruzzjoni li għandha x'taqsam ma' kwalunkwe Stat jew organizzazzjoni internazzjonali.

2. L-Istati Membri għandhom jaċċertaw, jekk neċessarju billi jdaħħlu klawsola speċifika għal dan il-għan, li d-disposizzjonijiet ta' strumenti mfassla mill-Kunsill ta' l-Ewropa u l-OECD huma kompatibbli ma' l-istrumenti imfassla bejniethom, b'mod partikolari dwar l-għajnuna ġudizzjarja, l-estradizzjoni, il-ġlieda kontra il-korruzzjoni u l-protezzjoni ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunità.

3. L-Istati Membri għandhom jiffavorixxu kordinazzjoni taxxogħol fuq il-korruzzjoni libħalissa qiegħed isir fil-Kunsill ta'

[1] ĠU C 313, tat-23.10.1996, p. 2.
[2] ĠU C 195, tal-25.6.1997, p. 1.

l-Ewropa u l-OECD biex jaċċertaw li m' hemm l-ebda inkompatibilità bejn il-proċeduri f'abbozzi differenti ta' konvenzjonijiet u sabiex xogħol li qiegħed isir minn organizzazzjoni ma jostakolax jew ma jidduplikax xogħol mhux neċessarju li qiegħed isir minn organizzazzjoni oħra.

4. Fin-negozjati fil-Kunsill ta' l-Ewropa u l-OECD rigward il-korruzzjoni, l-Istati Membri għandhom, sa fejn hu possibbli, jikkordinaw il-posizzjoni tagħhom, fuq l-inizzjattiva tal-Presidenza, u jippruvaw jaslu għal punti di vista komuni fuq kwistjonijiet li għandhom implikazzjonijiet sinifikanti għall-interessi ta' l-Unjoni Ewropea. Il-Kummissjoni għandha tkun kompletament involuta f'dan ix-xogħol.

Artikolu 2

Din il-posizzjoni komuni għandha tkun ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

Magħmula fil-Lussemburgu, fis-6 ta' Ottubru 1997.

Għall-Kunsill

Il-President

J. POOS